MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2007

Numru. 884/2006

PULIZIJA
SUPRETENDENT ALEXANDRA MAMO
SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA
VS
NOEL GAUCI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Noel Gauci, ta’ 31 sena, bin Alfred u Anna nee’ Debattista, imwieled Pieta’ fis-27 ta’ Dicembru 1974 u residenti Gardenia, Triq it-Tank, Siggiewi, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 17375(M), u akkuzat talli f’Dicembru 2005, u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, personalment jew bhala Direttur tal-azjenda Gautech, b’diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:
(a) b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel

titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq, ta’ iktar minn elf Lira Maltin (Lm1000),ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minnhom, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(d) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, meta ma kienx ufficjal jew impjegat pubbliku b’abbuz tal-awtorita’, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 185(2) u 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(e) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(f) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu

minn xi dokument iehor iffalsifikat, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-imputat (a fol 9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 8).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi, u wara li rat l-Artikoli 18, 167, 169, 183, 184, 185(2), 186, 188, 189, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena. din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali netta tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-eta' tal-imputat, u l-fatt illi l-imputat kien diga' hallas il-pendenzi kollha mad-Dipartiment qabel ma nharget din l-akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------